# Festa tal-Ħniena Divina



**Festa**

"Din il-festa ħarġet mill-fond tal-Ħniena Tiegħi. Nixtieq li ssir b'solennita' kbira." (Ġesu' lil Suor Fawstina)

**Xbieha tal-Ħniena divina**

Ġesu lil Suor Fawstina:

" Pinġi xbieha skond kif int qed tara din il-viżjoni bil-kelmiet 'Ġesu jiena nafda fik'...Inwiegħed lil kull ruħ li tqim din ix-xbieha ma tintilifx. Inwiegħed ukoll rebħa fuq l-għedewwa tagħha hawn fid-dinja, speċjalment fis-siegħa ta' mewtha".

Ir-raġġi ċari jirrappreżentaw l-ilma li jsaffi l-erwieħ.

Ir-raġġi l-ħomor jirrapreżentaw id-Demm li hu l-ħajja ta' l-erwieħ.

**Novena**

Santa Fawstina tistqarr li Ġesu' qalilha tagħmel novena li tibda minn jum il-Ġimgħa l-Kbira.

"Permezz ta' din in-Novena jiena nagħti kull grazzja possibbli lill-erwieħ... kull ġurnata għandek titlob grazzji għall-umanita', midinbin, saċerdoti, reliġjużi, insara, dawk li ma jemmnux, mifrudin, tfal ċkejknin, dawk li jqimu l-Ħniena Divina, l-erwieħ tal-Purgaorju, bierda."

**Kurunella**

"Xi grazzji kbar nagħti lill-erwieħ li jgħidu din il-Kurunella, l-istess fond tal-Ħniena, l-akbar Ħniena Tiegħi, tiġi mħarrka għall-bżonnijiet ta' dawk li jgħidu l-kurunella".

**Is-Siegħa tal-Ħniena Divina** (Tlieta ta' wara nofsinhar)

"F'din is-siegħa ma niċħad xejn lir-ruħ li titlobni xi ħaġa għall-merti tal-passjoni teigħi".

*Mons Salv Muscat, Arċipriet Nadur*

## *Jistgħu jinteressawk*

Il-Ħadd 6 ta' April: il-45 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (Parroċċa Xewkija 5.30pm)

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', tħallinix ninqata' mill-komunita' li temmen biex ngħix dejjem l-esperjenza tal-preżenza tiegħek, u agħmel li nkun sensibbli għal dak kollu li tkun għaddejja minnu l-Knsija tiegħek.*



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

It-2 Ħadd tal-Għid • Sena A • Id-39 Sena (2036) • 30 ta' Marzu 2008





**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
**Ġw 20, 19-31**

Dak il-Ħadd filgħaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mill-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesu u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Il-paċi magħkom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Ġesu' tenna jgħidilhom: "Il-paċi magħkom! Kif Missieri bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom." U qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: id-dnubiet ta' dawk li taħfru jkunu maħfura, u d-dnubiet ta' dawk li żżommu jkunu miżmuma."

Tumas, ma kienx magħhom meta ġie Ġesu'. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej." Iżda hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer, jekk ma nqegħidx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jiena ma nemminx."

Tmint ijiem wara Ġesu' daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Il-paċi magħkom!" Imbagħad qal lil Tumas: "Newwel sebgħek 'il hawn u ara idejja, u ġib idek u qegħidha fuq ġenbi: qis li ma tonqosx fik il-fidi, iżda emmen." Wieġbu Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!"

**RIFLESSJONI:**

- Ġesu' jidher lid-dixxipli u jagħtihom it-tislima tal-Paċi.
- Gesu' tahom ukoll r-rigal ta' l-Ispirtu Qaddis għall-missjoni tagħhom.
- Tumas ma' kienx mal-Komunita' u tilef l-esperjenza li kellhom sħabu ma' Ġesu'.
- Ġesu' kien jaf li Tumas iħobbu, u tħassru għax kien għadu mhux fil-paċi f'qalbu.
- Kemm huwa ta' żvantaġġ li tkun barra mill-komunita' !
- Tumas huwa t-tip tan-nisrani li qed ifittex il-verita', imma jrid il-provi.
- Int tqil biex temmen lil dawk li huma minflok l-Appostli ?
- Bħala nisrani qed tpoġġi idejk fuq il-pjagi tal-ġisem ta' Kristu li huwa l-Knisja?
- Tumas stqarr:"Mulej tiegħi u Alla tiegħi!". B'dan ried jagħmel patt ma' Ġesu' li ħajtu jrid jgħixha biss ma' Gesu' u għal Ġesu'.